



Dokument ta' sessjoni

B9-0584/2022

13.12.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-suspetti ta' korruzzjoni mill-Qatar u l-ħtieġa usa' ta' trasparenza u
responsabbiltà fl-istituzzjonijiet tal-UE
(2022/3012(RSP))

**Iratxe García Pérez, Gabriele Bischoff, Pedro Marques, Birgit Sippel,
Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Tonino Picula,
Pierfrancesco Majorino, Raphaël Glucksmann**
fisem il-Grupp S&D

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-suspetti ta' korruzzjoni mill-Qatar u l-ħtieġa usa' ta' trasparenza u responsabbiltà fl-istituzzjonijiet tal-UE (2022/3012(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar it-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-UE billi jiġi stabbilit korp tal-etika indipendenti tal-UE¹,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar regjistru obbligatorju ta' trasparenza²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-UE³,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2019 dwar l-inkjesta strateġika OI/2/2017 tal-Ombudsman dwar it-trasparenza tad-diskussjonijiet leġiżlattivi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-UE⁴,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fil-Qatar⁵,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Regjistru Obbligatorju ta' Trasparenza⁶,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-istituzzjonijiet tal-UE u l-uffiċjali tagħhom iridu jissalvagwardjaw l-integrità tal-prinċipji u l-valuri demokratiċi tal-UE kif ukoll iservu bħala eżempju li għandu jiġi segwit kemm miċ-ċittadini kif ukoll minn uffiċjali oħra;
- B. billi għandu jiġi żgurat li l-Membri tal-Parlament Ewropew jaġixxu mingħajr ebda influwenza żejda minn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, u li l-forniment ta' attivitajiet bi ħlas għall-Membri tal-Parlament Ewropew, rigali jew stedinet għall-ivvjaġġar, il-ħolqien ta' aspettattivi għal impjeg futur wara t-tmiem tal-mandat ta' Membru jew it-terminazzjoni tas-servizz ta' uffiċjal, u l-użu mhux xieraq ta' informazzjoni jew kuntatti għandhom jiġu rregolati b'mod strett;

¹ ĠU C 117, 11.3.2022, p. 159.

² ĠU C 506, 15.12.2021, p. 127.

³ ĠU C 337, 20.9.2018, p. 120.

⁴ ĠU C 411, 27.11.2020, p. 149.

⁵ Testi adottati, P9_TA(2022)0427.

⁶ ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1.

- C. billi l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kunflitti ta' interess huwa mmonitorjat minn Kumitat Konsultattiv dwar l-Imġiba tal-Membri magħmul minn ħames Membri tal-PE, li wera li mhuwiex effettiv;
 - D. billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-proċessi demokratiċi ma jinħatfux minn interessi privati u li d-drittijiet taċ-ċittadini jiġu rispettati bis-sħiħ;
 - E. billi l-miżuri introdotti reċentement mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regjistru ta' Trasparenza Obbligatorju jirrikjedu li l-Parlament juri ambizzjoni akbar biex jiżgura implimentazzjoni xierqa tal-istandards kollha ta' trasparenza;
 - F. billi t-trasparenza u r-responsabbiltà huma prekondizzjoni għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE: billi, għalhekk, il-korruzzjoni tikkostitwixxi attakk serju fuq id-demokrazija Ewropea;
 - G. billi pajjiżi inkluż il-Qatar investew ħafna fl-isforzi ta' lobbying fl-istituzzjonijiet tal-UE; billi dan il-pajjiż jopera l-aktar permezz ta' konsulenti u gruppi ta' riflessjoni;
 - H. billi l-isportswashing jikkostitwixxi prattika għall-istati awtoritarji li biha jiddevjaw l-attenzjoni tad-dinja lil hinn mir-rekord tagħhom ta' korruzzjoni domestika u abbuż tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari iżda mhux biss, bl-ospitar tat-Tazza tad-Dinja 2022 fil-Qatar;
 - I. billi fil-ħidma u l-missjonijiet tagħhom id-delegazzjonijiet tal-Parlament iridu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet politiċi u leġiżlattivi tal-Parlament, jikkontribwixxu għall-promozzjoni f'pajjiżi mhux tal-UE tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u jirrappreżentaw il-pożizzjoni tal-Parlament kif adottata fil-plenarja, filwaqt li jqisu wkoll il-pożizzjoni tal-kumitati kompetenti rilevanti tal-Parlament;
1. Jesprimi x-xokk u l-kundanna qawwija tiegħu għall-allegazzjonijiet reċenti ta' korruzzjoni mill-Qatar fil-Parlament u jiddikjara l-politika ta' tolleranza żero tiegħu għall-korruzzjoni f'kull sura jew forma; jissottolinja li l-gravità u l-kobor tal-investigazzjonijiet attwali jirrikjedu li l-Parlament u l-istituzzjonijiet tal-UE jirreaġixxu b'unità inekwivokabbli u b'determinazzjoni soda;
 2. Jappoġġja investigazzjoni bir-reqqa u żvelar sħiħ tar-riżultati tal-investigazzjonijiet li għaddejjin u jiddikjara r-rieda sħiħa tiegħu li jikkoopera mal-awtoritajiet;
 3. Jipproponi li jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta skont l-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex jindirizza b'mod komprensiv l-interferenza barranija fl-istituzzjonijiet tal-UE mmirata li tinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet; jissuġġerixxi li jekk l-investigazzjoni tikkonkludi li seħħet interferenza u korruzzjoni barranija, għandhom jiġu imposti sanzjonijiet fuq l-istati u l-individwi kollha involuti;
 4. Jemmen li l-allegati tentattivi mill-Qatar biex jinfluwenza l-Membri tal-Parlament Ewropew u l-persunal tagħhom permezz ta' tixħim bl-għan li jtnaddaf ir-rekord tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiż huma każ possibbli ta' interferenza barranija serja fil-proċessi demokratiċi tal-UE; jiddenunzja tali atti bl-aktar mod qawwi;

5. Iqis li l-allegazzjonijiet reċenti juru l-ħtieġa urġenti li tizzied il-kapaċità effettiva tal-istituzzjonijiet Ewropej biex jimmonitorjaw u jinfurzaw l-istandards ta' trasparenza u l-mekkaniżmi kontra l-korruzzjoni li ġew adottati f'dawn l-aħħar snin;
6. Ifakkar li t-trasparenza, r-responsabbiltà u l-ftuħ tal-istituzzjonijiet huma l-pedament tad-demokrazija tagħna u l-bażi li fuqha tinbena r-relazzjoni ta' fiduċja maċ-ċittadini;
7. Jenfasizza t-theddida sinifikanti ppreżentata mill-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE, li tinkludi iżda mhijiex limitata għall-influwenza fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u r-riżoluzzjonijiet u l-votazzjoni fuqhom;
8. Iqis li l-korruzzjoni tar-rappreżentanti pubbliċi – b'mod partikolari l-attivitajiet illegali ffinanzjati minn lobbying imħallas – tikkostitwixxi attakk profund fuq id-demokrazija u għandha tiġi miġġielda b'tolleranza żero u viġilanza akbar;
9. Jissospendi l-ħidma fuq il-fajls u l-votazzjonijiet plenarji relatati mal-Istati tal-Golf, b'mod partikolari dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, u ż-żjarat ipplanati sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu ffinalizzaw il-proċedimenti ġudizzjarji;
10. Jinforma li l-Grupp S&D, li jappoġġa l-investigazzjoni li għaddejja, se jsir "parte lesa" u se jeżamina l-passi legali li jista' jieħu kontra dawk li jdgħajfu l-Grupp S&D u l-Parlament Ewropew kollu kemm hu;
11. Jitlob rispett sħiħ tar-regoli rilevanti li japplikaw għall-ħidma tad-delegazzjonijiet tal-Parlament; jiddeċiedi li jirrevedi l-funzjonament u l-attivitajiet tal-gruppi ta' ħbiberija ma' pajjiżi mhux tal-UE fl-istituzzjoni; jemmen li hemm bżonn jiġi limitat l-aċċess tal-awtoritajiet tal-Qatar għall-bini tal-Parlament kif xieraq sakemm l-investigazzjonijiet ġudizzjarji jipprovdu informazzjoni u kjarifika rilevanti;
12. Jiddeċiedi li jsaħħaħ il-mekkaniżmi tiegħu biex jiskrutinizza u jevita kunflitti ta' interess potenzjali jew reali tal-Membri tal-Parlament Ewropew fl-attivitajiet esterni tal-istituzzjoni; jirrikjedi, f'dan ir-rigward, li l-integrità tal-istituzzjoni tagħna tkun garantita mill-Viċi President il-ġdid tal-Parlament elett biex ikun inkarigat mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-interferenza barranija u li jmexxi r-reviżjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Parlament;
13. Jitlob li jkun hemm aċċess għal informazzjoni ta' intelligence rilevanti għad-dispożizzjoni ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE u servizzi rilevanti tal-Istati Membri li jistgħu jiffaċilitaw l-identifikazzjoni proattiva ta' attentat ta' interferenza minn pajjiżi mhux tal-UE fil-ħidma tal-Parlament u ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE;
14. Jitlob li jkun hemm implimentazzjoni konsistenti u sħiħa tal-istandards tal-etika fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE sabiex jiġi garantit li d-deċiżjonijiet pubbliċi jittieħdu fid-dawl tal-ġid komuni; jenfasizza li dawn l-istandards tal-etika jridu jkopru l-veraċità tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji, l-obbligi ta' trasparenza, il-konformità mar-regoli dwar ir-"revolving doors" u l-konformità ġenerali mad-dispożizzjonijiet kollha tal-kodiċi ta' kondotta u r-regoli dwar l-integrità;
15. Jitlob l-aġġornament urġenti tal-Kumitat Konsultattiv attwali tal-Parlament Ewropew dwar l-Imġiba tal-Membri għal Kumitat tal-Etika sħiħ sabiex jiġu indirizzati b'mod

effettiv it-theddid u l-interferenza attwali u futuri;

16. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' ambizzjoni u rieda politika komuni akbar għat-trasparenza, bl-għan li jinholq approċċ olistiku għar-rappreżentanza etika tal-interessi;
17. Ifakkar li l-Ftehim Interistituzzjonali adottat reċentement dwar reġistru ta' trasparenza obligatorju rrappreżenta pass kbir 'il quddiem fl-introduzzjoni ta' standards obligatorji għall-partijiet ikkonċernati kollha li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jappella b'urġenza lill-istituzzjonijiet kollha jimpenjaw ruħhom biex jimplimentaw dan il-ftehim b'mod aktar strett;
18. Jenfasizza li l-miżuri introdotti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru ta' trasparenza obligatorju jirrappreżentaw minimu; jitlob bil-qawwa li l-korpi rilevanti kollha tal-Parlament jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Reġistru u jintroduċu unilateralmment miżuri urġenti li jsaħħu r-responsabbiltà tal-Membri – inklużi l-ex Membri – u tal-persunal;
19. Jirrimarka l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kodiċi ta' kondotta jiġi osservat kollu, kif stabbilit fl-Anness I tar-Reġistru ta' Trasparenza;
20. Jemmen li kwalunkwe dispożizzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza fl-istituzzjonijiet għandha tapplika għall-persunal kollu, mhux biss għall-persunal l-aktar anzjan;
21. Iqis li huwa urġenti li jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament sabiex jiġu introdotti kriterji u impenji aktar stretti dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà;
22. Jenfasizza li l-importanza li jiġi segwit approċċ ibbażat fuq l-attività li jinkludi wkoll l-attivitàjiet indiretti tal-lobbying; jinsisti fuq l-importanza li jiġu koperti tali attivitàjiet, b'mod partikolari minħabba l-emerġenza ta' forum ġodda ta' interazzjoni minn rappreżentanti ta' interessi ma' dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet fl-UE; iqis li l-laqgħat oħra, li ma jkunux laqgħat bi preżenza personali, bħall-vidjokonferenzi jew it-telefonati skedati, għandhom jitqiesu wkoll bħala laqgħat għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-attivitàjiet ta' lobbying;
23. Jistieden lill-Bureau tal-Parlament u lil korpi rilevanti oħra jimplimentaw b'mod speċifiku rekwiżit ġdid għall-persunal kollu tal-Parlament – inklużi l-konsulenti u l-assistenti tal-gruppi – biex jiltaqgħu biss ma' individwi jew organizzazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġistru ta' Trasparenza jekk ikunu rreġistrati u biex jivverifikaw dan b'mod sistematiku qabel kwalunkwe laqgħa;
24. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu allokat i biżżejjed riżorsi biex il-Bord tat-Tmexxija tar-Reġistru ta' Trasparenza jkun jista' jwettaq il-kompitu tiegħu li jissorvelja l-implimentazzjoni amministrattiva ġenerali tal-Ftehim; jitlob lill-istituzzjonijiet jiżguraw l-allokkazzjoni ta' riżorsi u persunal suffiċjenti biex jiġġarantixxu l-funzjonament xieraq tas-Segretarjat u tal-Bord tat-Tmexxija;
25. Jipproponi l-introduzzjoni ta' bażi ġuridika ġdida li tippermetti lill-koleġiżlaturi jadottaw atti leġislattivi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja bl-għan li jiġu imposti regoli etiċi vinkolanti fuq ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fl-interazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

26. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jadottaw b'mod urġenti miżuri biex jintroduċu l-prattika ta' "perjodi ta' preklużjoni" minimi għall-uffiċjali għolja tal-UE u l-ex Membri sabiex jiġi evitat il-fenomeni tar- "revolving doors"; jitlob li l-ismijiet ta' ex uffiċjali għolja tal-UE jew MEPs li telqu mill-istituzzjonijiet tagħhom u li qed jaħdmu għal interessi privati jsiru pubbliċi;
27. Jistieden lil dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li għad m'għandhomx kodiċi ta' kondotta biex ifasslu wieħed b'urġenza;
28. Jitlob li l-uffiċjali kollha tal-UE, inklużi l-assistenti parlamentari akkreditati, l-aġenti temporanji u kuntrattwali u l-esperti nazzjonali, jagħmlu taħriġ obligatorju dwar kif jittrattaw ir-rappreżentanti ta' interess u l-kunflitti ta' interess u dwar l-integrità u t-trasparenza; jitlob li dawn il-kwistjonijiet ikunu punt obligatorju għad-diskussjoni matul il-proċeduri ta' reklutaġġ u r-rieżamijiet tal-prestazzjoni;
29. Jirrimarka li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tiggarrantixxi d-dritt għall-aċċess għad-dokumenti pubbliċi liċ-ċittadini u jikkritika l-fatt li waħda mill-aktar problemi frekwenti rigward it-trasparenza tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea hija l-fatt li dawn jirrifjutaw li jagħtu l-aċċess għal dokumenti u informazzjoni; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill u d-dokumenti l-oħra kollha tiegħu;
30. Jemmen li għal dan l-għan huwa meħtieġ korp tal-etika indipendenti uniku tal-UE bis-setgħa li jibda l-investigazzjonijiet tiegħu stess; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għalhekk, tagħmel proposta fil-ġimgħat li ġejjin għal ftehim interistituzzjonali bbażat fuq l-Artikolu 295 tat-TFUE biex jiġi stabbilit korp tal-etika indipendenti tal-UE kif mitlub fir-risoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Settembru 2021;
31. Jieħu nota li l-Parlament kif ukoll l-istituzzjonijiet kollha tal-UE qed jaħdmu biex jżviluppaw il-kapaċità li jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija, għalkemm sfortunatament tali miżuri ma kinux biżżejjed biex jipprevjenu każijiet individwali ta' korruzzjoni;
32. Jitlob monitoraġġ imsaħħaħ tal-istediniet, ir-rigali u l-vjaġġi kollha minn pajjiżi mhux tal-UE lill-MEPs u l-persunal;
33. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati u implimentati oqfsa u miżuri konkreti sabiex jiġu mmonitorjati t-tentattivi ta' lobbying minn pajjiżi mhux tal-UE;
34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Qatar.